# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Novembru, 2001**

**Numru 2**

**Rik. Nru. 611/97 GC**

**Registratur tal-Qrati**

**vs**

**Maurice Zarb Adami**

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

Fil-5 ta' Frar, 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kompetenza taghha Kostituzzjonali ppronunzjat is-segwenti sentenza fuq lanjanza tar-rikorrent appellant li hu kien qed jigi assoggettat ghal diskriminazzjoni meta gie ghal darba ohra msejjah biex iservi bhala gurat quddiem il-Qorti Kriminali.

“Il-Qorti,

Rat in-nota tar-Registratur tal-Qrati li biha giet prezentata fotokopja awtentikata ta’ l-inkartament fl-ismijiet fuq premessi a tenur tad-digriet tal-Qorti Kriminali tad-29 ta’ Settembru, 1997 l a bazi tieghu l-Qorti Kriminali rriferiet kwistjoni ta’ natura kostituzzjonali quddiem din il-Qorti;

Rat l-imsemmi digriet tad-29 ta’ Settembru, 1997, tal-Qorti Kriminali fejn intqal:-

“Din il-Qorti qeghda tibghat is-segwenti kwistjoni quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-termini ta’ l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 (3) tal-Kap 319 u cioe’ l-kwistjoni jekk il-multa inflitta fuq l-intimat Maurice Zarb Adami hijiex nulla ghax tilledi l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u/jew l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u dan peress li l-istess intimat huwa asoggettat ghal pizijiet u oneri li ghalihom persuni ohra li qeghdin fl-istess posizzjoni tieghu m’humiex assoggettati kif ukoll ghaliex fil-fatt il-ligi u/jew il-prattika amministrattiva jezentaw persuni ta’ sess femminili fil-prattika milli jaghtu s-servizz bhala gurati mentri l-irgiel m’ghandhomx tali ezenzjoni minn dan is-servizz”..

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Jannar, 1998 minn fejn jirrizulta illi l-Avukat Generali qed jissottometti illi l-lanjanza ma tqajjem ebda kwistjoni li tista’ taghti lok ghal kundanna ghall-agir diskriminatorju in vjolazzjoni ta’ l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u 45 tal-Kostituzzjoni u in kwantu tallega semplici abbuz ta’ diskrezzjoni il-lanjanza hija ta’ natura amministrattiva u mhux kostituzzjonali;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ Maurice Zarb Adami;

Rat in-nota ta’ osservazzjonjiet ta’ l-Avukat Generali;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Lulju, 1998;

Ikkonsidrat:

Din hi kwistjoni li giet riferita lil din il-Qorti mill-Onorabbli Qorti Kriminali skond il-provvedimenti ta’ l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4(3) tal-Kapitolu 319. Il-kwistjoni tittratta dwar nullita’ ta’ mulra ta’ Lm100 li giet imposta fl-14 ta’ April,

1997 mill-imsemmija Qorti Kriminali fuq Maurice Zarb Adami, ai termini ta' l-artikolu 609 tal-Kap 9, talli huwa naqas li jidher biex iservi ta' gurat kif kien gie lilu ordnat;

L-imsemmi Zarb Adami qed jikkontendi illi l-imposizzjoni ta' din il-multa tmur kontra l-provvedimenti ta' l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u ta' l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319). Fl-ewwel lok huwa qed isostni li qed jigi assoggettat ghal pizijiet u oneri li ghalihom persuni ohra li qeghdin fl-istess posizzjoni tieghu m'humiex assoggettati. Fit-tieni lok Zarb Adami qed isostni li hemm diskriminazzjoni fil-konfront tieghu peress illi skond il-ligi jew skond il-prattika amministrattiva persuni ta' sess femminili qed jigu ezentati milli jservu ta' gurati mentri l-irgiel m'ghandhomx tali ezenzjoni;

Fil-kors tal-kawza saret riferenza ghal xi provvedimenti tat-Titolu VI tal-Kodici Kriminali liema titolu jittratta fuq il-gurati. F'dan it-Titolu hemm provdut li kull cittadin malti, ta' sess maskili jew femminili, li lahaq l-eta' ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, jikkwalifika biex iservi bhala gurat. Il-ligi ghalhekk ma taghmel ebda distinzjoni bejn ic-cittadini li ghandhom iservu ta' gurati. Ma taghmel ebda distinzjoni bejn dawk li huma ta' sess makili u dawk ta' sess femminili. Skond il-ligi kulhadd, il fuq minn wiehed u ghoxrin (21), hu kwalifikat biex iservi ta' gurat. Ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li tirrizulta xi diskriminazzjoni naxxenti mil-ligi f'dan ir-rigward;

Il-lanjanzi ta' Maurice Zarb Adami ghalhekk bilfors li jirerferu ghal dak li jigri fil-prattika. F'dan ir-rigward jirrizulta illi l-lista tal-gurati bhala lista ilha tezisti sew maz-zmien. Kull sena skond informazzjoni li tigi mid-distretti tal-Pulizija, il-Kummissarju tal-Pulizija jipproponi li jizdiedu ma' din il-lista numru ta' nies li jistghu iservu ta' gurati. Fl-istess hin tingabar ukoll informazzjoni dwar min jista' jinqata' minn fuq l-istess lista, bhal min ikun miet jew siefer. Finalment ta' kull sena tigi stabbilita' l-lista finali ghal dik is-sena u dana skond il-provvedimenti ta' l-artikolu 605 tal-Kodici Kriminali. L-ghazla tal-gurati biex iservu ghar-rigward ta' guri partikolari ssir skond l-istess provvedimenti tat-Titolu VI u f'din l-ghazla hemm ukoll element ta' xorti;

Maurice Zarb Adami isostni li ilu fuq il-lista tal-gurati mill-1971 u minn dak iz-zmien huwa serva bhala gurat jew prim gurat xi tlett darbiet. Ghall-habta ta' l-1987 huwa ddecieda li ma kellux iservi aktar ta' gurat nonostante li ismu kien ghadu jidher fuq il-lista. Huwa deherlu li kien serva bizzejjed ta' gurat u li kien hemm ohrajn li setghu iservu bhala gurati. Dawn il-konkluzzjonijiet li

wasal ghalihom Zarb Adami jidhru li kienu gratwiti. F'dan ir-rigward ma ngiebet ebda prova li tista' ssostni dawn il-konkluzzjonijiet. Zarb Adami naqas ukoll li jipproduci provi biex juri dak li huwa allega u cioe' li kien hemm xi gurati li kienu qeghdin "jirrangaw biex ma jidhrux bhala gurati;

Li huwa zgur hu li Zarb Adami ma ghamel xejn, skond il-ligi, sabiex jigi ezentat milli jidher bhala gurat;

Zarb Adami qed isostni li gie assoggettat ghal pizijiet u oneri li ghalihom persuni ohra li qeghdin fl-istess posizzjoni tieghu m'humiex assoggettati. Dana zgur li ma jirrizultax sufficjentement pruvat. F'dan ir-rigward jista' jinghad li ma giex pruvat li ssir xi diskriminazzjoni specifika versu xi hadd fil-prattika ta' l-ghazla tal-gurati. U zgur li ma giex provat specifikament li Zarb Adami gie trattat, f'dan ir-rigward, differentement, tant li jista' jinghad li l-piz u l-oneru tieghu bhala gurat hu aktar gravuz minn ta' haddiehor. Ma giex pruvat li xi hadd li kien ilu fuq il-lista daqs kemm kien ilu Zarb Adami, tnehha mighajr raguni valida, meta l-istess Zarb Adami baqa' fuq il-lista. Lanqas ma gie provat li xi hadd fl-istess sitwazzjoni ta' Zarb Adami thalla barra minn fuq il-lista;

Zarb Adami qed isosti li persuni ta' sess femminili qed jigu ezentati milli jservu ta' gurati mentri l-irgiel m'ghandhomx tali ezenzjoni u ghalhekk bhala ragel hemm diskriminazzjoni kontra tieghu. F'dan ir-rigward jirrizulta illi fl-ahhar snin qabel is-sena 1997, fil-listi ta' persuni registrati bhala gurati hemm differenzi kbar bejn in-numru ta' rgiel hekk registrati u n-numru ta' nisa;

Fil-listi li dehru fil-harga tal-Gazzetta Tal-Gvern tal-15 ta' Novembru, 1996 kien hemm 4298 irgiel, filwaqt li kien hemm biss 147 nisa. Is-sitwazzjoni mmiljorat xi ftit ghas-sena ta' wara u difatti fil-Gazzetta tal-Gvern tat-13 ta' Novembru, 1997 f'dawn il-listi, inkluzi prim gurati u gurati, kien hemm 7503 ragel filwaqt li kien hemm 2494. In vista ta' kif hi maqsuma l-popolazzjoni tal-pajjiz u ta' kif huma maqsumin il-votanti bejn nista u rgiel, wiehed jistemma li n-numru ta' nisa registrati bhala gurati ghandu ghall-inqas ikun daqs in-numru ta' l-irgiel;

Dawn id-diskrepanzi per se, pero' ma jwasslux awtomatikament ghall-konkluzzjoni li hemm id-diskriminazzjoni lamentata minn Zarb Adami. Mill-provi ma tirrizultax ir-raguni ghaliex kien hemm dawn id-diskrepanzi. Dawn jistghu ikunu dovuti ghall-fatt li xi zmien ilu n-nies biex isibu ruhhom fil-lista tal-gurati kien ikollhom japplikaw. F'dan ir-rigward ma ngiebet ebda prova li din id-

diskrepanza hi attribwibbli specifikament ghal rieda ta' diskriminazzjoni bejn is-sessi. Lanqas ma ingiebet prova biex turi li dawn id-diskrepanzi kienu intizi biss biex jaghtu xi vantagg ingust lil persuni ta' sess femminili fil-konfront ta' persuni ta' sess maskili. Zgur li ma giex pruvat xi animu diskriminatorju da parti ta' min ghamel jew jikkompila l-listi ta' dawk li ghandhom iservu ta' gurati;

In vista ta' dan kollu l-pretensjonijiet ta' Maurice Zarb Adami ma jistghu qatt jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad it-talbiet u l-pretensjonijiet kollha ta' l-istess Maurice Zarb Adami;

In vista tan-natura innovattiva tal-kawza l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet".

**Aggravju**

Din il-kawza originat minn rikors tar-Registratur tal-Qrati, quddiem il-Qorti Kriminali, li bih talab li dik il-Qorti joghgobha tordna li r-rikorrent odjern jidher quddiemha biex jiggustifika ghaliex ma kienx hallas multa ta' Lm100 fuqu imposta fit-termini ta' l-artikolu 609 tal-Kap 9 tal-Kodici Kriminali talli naqas li jidher biex iservi ta' gurat kif ordnat. Ir-Registratur tal-Qrati talab li, fin-nuqqas li l-istess Zarb Adami jonqos li jidher quddiem dik il-qorti, jew jonqos li jhallas il-multa, il-Qorti kellha tordna l-konverzjoni taghha fi prigunerija skond il-ligi. Ir-rikorrent deher quddiem dik il-Qorti fil-jum minnha stabblit u rrileva li huwa xtaq jikkontesta quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili l-kostituzzjonalita' tal-multa nflitta fuqu ghar-raguni li dik kienet diskriminatorja, kemm skond il-

Kostituzzjoni, kif ukoll skond il-Konvenzjoni Ewropea, u talab iz-zmien biex jintavola dik il-procedura.

Il-Qorti cahdet it-talba u allura r-rikorrent, in vista ta' dik ic-cahda, talab li "l-incident sollevat jigi riferit lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili skond l-artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni, u l-artikolu korrispondenti ta' l-Att XIV ta' l-1987 fis-sens li l-multa li giet inflitta fuqu kienet nulla billi kienet diskriminatorja skond l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, inkwantu l-intimat huwa asoggettat (a) ghall-pizijiet u oneri li ghalihom persuni ohra li qeghdin fl-istess posizzjoni tieghu m'humiex assoggettati; (b) ghaliex fil-fatt il-ligi u/jew il-prattika amministrattiva ezentaw persuni ta' sess femminili bil-prattika li jaghtu servizz bhala gurati, mentri fil-prattika l-irgiel m'ghandhomx din l-ezenzjoni minn servizz ta' gurat".

Il-Qorti Kriminali fl-ewwel trattazzjoni laqghet it-talba ghar-riferenza fit-termini riportati fis-sentenza appellata, u dana wara li cahdet is-sottomissjoni ta' l-Avukat Generali li l-kwistjoni kienet wahda frivola u vessatorja.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din il-Qorti tibda biex taghmel is-segwenti osservazzjonijiet pertinenti ghall-mertu taht ezami. Ir-rikorrenti fir-riferenza isostni li "il-Ligi u/jew il-prattika amministrattiva jezentaw persuni ta' sess femminili fil-prattika milli jaghtu s-servizz bhala gurati, mentri fil-prattika l-irgiel m'ghandhomx din l-ezenzjoni minn servizz ta' gurat".

Certament din is-sottomissjoni m'ghandha assolutament l-ebda bazi fil-ligi kif inhi llum wara l-emendi li saru bl-Att IV ta' l-1994. Infatti, l-artikolu 603 tal-Kap 9 jipprovdi li kull persuna ta' l-eta' ta' 21 jew aktar, li joqghod f'Malta u li hu cittadin ta' Malta kien kwalifikat biex iservi bhala gurat sakemm dik il-persuna kellha gharfien adegwat tal-lingwa maltija, kienet ta' karattru tajjeb u kienet kompetenti biex isservi bhala gurat. Din il-inkompetenza ma kienetx testendi ghall-kwalita' ta' sess li kellha l-persuna. Qabel l-emenda bl-Att Nru. IV ta' l-1994, Persuna tas-sess femminili ma kienetx tkun inkluza fil-lista tal-gurati sakemm ma tkunx hi li ddikjarat b'nota lill-Qorti Kriminali li kienet preparata li sservi bhala gurat. Dikjarazzjoni li setghet ukoll, f'certi cirkostanzi, tirtira minnha. Sakemm saret dik l-emenda allura, mara kienet biss isservi bhala gurat u setghet tigi msejjha biex hekk isservi jekk tkun espressament iddikjarat li hekk riedet taghmel. Kuntrarjament ghall-persuni tas-sess maskili ma setghetx tigi mgeghla biex isservi ta' gurat. Dik il-

limitazzjoni, ossia privilegg, giet pero' mnehhija u process ta' l-ghazla ta' gurati sa fejn hu regolat bil-ligi, bl-ebda mod ma kien iddiskrimina favur jew kontra fuq bazi ta' sess. Lanqas hu korrett li jinghad li kien hemm xi regoli amministrattivi li jiddiskriminaw favur in-nisa u allura kontra l-irgiel fil-kompilazzjoni tal-listi.

Fil-fatt jirrizulta wkoll mill-provi prodotti mill-istess rikorrenti li, amministrattivament, bejn l-1996 u l-1997 saret qabza impressjonanti fin-numru ta' gurati nisa inkluzi fil-lista ta' persuni registrati bhala gurati, filwaqt li fl-1966 l-ammont ta' nisa kien 145 u f'dik is-sena kien kwazi d-doppju tas-sena ta' qabel, fis-sena 1997 l-ammont tela' ghal 2,490. Kien allura car illi amministrattivament kien inbeda l-process irriversibbli biex in-numru ta' persuni nisa registrati bhala gurati jibda' joqrob ghal dak ta' l-irgiel.

Wiehed jifhem illi jekk din it-tendenza baqghet tigi registrata wkoll fl-ahhar tlett snin, kif il-Qorti hi nformata il-posizzjoni numerika bejn iz-zewg sessi fuq dawn il-listi qed toqrob biex tirrifletti l-*gender divide* fis-socjeta'.

Ikkonsidrat inoltre:-

1. Li hu preokkupanti, mil-lat amminstrattiv, huwa n-numru ta' gurati nisa li attwalment gew imsejjha biex iservu u servew f'gurijiet. Fis-snin 1995, 1996 u 1997 kienu biss 5 in-nisa maghzula biex attwalment iservu bhala gurati. Dan anke meta, kif inghad, fis-sena 1997 in-numru ta' gurati nisa fuq il-lista kien iqarreb l-2,500. Jehtieg jinghad pero' illi mill-atti ma tirrizulta l-ebda raguni ghal din id-diskrepanza notevoli bejn in-numru ta' gurati rgiel u n-numru ta' gurati nisa li attwalment gew msejjha biex iservu fil-gurijiet. Diskrepanza illi timmaterjalizza ruhha fil-kors tal-process gudizzjarju u mhux fiz-zmien meta jkunu qed jigu kompilati l-listi ta' persuni eligibbli biex iservu bhala gurat, u meta allura r-ragunijiet biex persuna ma sservix ta' gurat, hi ta' liema sess hi, huma evalwati bl-applikazzjoni ta' regoli applikabbli ghal kullhadd u dan tassattivament kif provdut bl-artikoli relativi tal-Kodici Kriminali.

2. Ma tirrizultax mill-atti xi prova illi qed ikun hemm xi vjolazzjoni ta' dawn ir-regoli illi bl-ebda mod ma setghu jitqiesu li kienu diskriminatorji abbazi ta' sess. Ir-raguni ghaliex in-numru ta' nisa li attwalment servew bhala gurati fl-1997 kellha allura necessarjament tinstab fil-kondott tal-process kriminali u mhux fil-process tas-sejha biex dawn iservu bhala gurati. Ragunijiet li setghu jkunu varji, fosthom ix-xorti tal-polza, ir-rikuza tad-difensuri, l-ezenzjoni ta parti tal-Qorti. Ragunijiet dawn li jistghu jkunu kuluriti u nfluwenzati minn diversi ragunijiet, fosthom pregudizzju jew barrieri kulturali, pero' li certament ma jistghux jigu addebitati ghal xi

agir diskriminatorju da parti ta' l-Istat. F'dan ir-rigward hu biss iz-zmien u l-edukazzjoni li jistghu igibu bidla fil-mentalita'.

3. It-termini precizi tar-riferenza fir-rigward tad-diskriminazzjoni bazata fuq is-sess, huma illi "il-fatt il-ligi u/jew il-prattika amminstrattiva jezentaw persuni tas-sess femminili fil-prattika milli jaghtu s-servizz bhala gurati, mentri fil-prattika l-irgiel m'ghandhomx din l-ezenzjoni minn servizz ta' gurat". Minn kif huma l-fatti llum – u din il-Qorti kellha l-opportunita' kidf inghad li tivverifika li bhala fatt in-numru ta' nisa inkluzi fil-lista ta' dawk li jistghu jissejjhu bhala gurati mill-1997 sallum rega' gie ulterjorment u notevolment awmentat – il-Ligi ma kienetx tezenta persuni ta' sess femminili milli jaghtu is-servizz bhala gurati u l-prattika amministrattiva lanqas ma kienet tezenta lin-nisa minn dan is-servizz. Id-dizlivell numeriku matematiku bejn is-sessi jirrizulta li qed jigi radrizzat, anke amministrattivament, u d-differenza bejn in-numru ta' rgiel u n-numru ta' nisa li effettivament qed iservu bhala gurati, hi dovuta ghall-process ta' l-ghazla fil-formazzjoni tal-gurija fil-process gudizzjarju li, certament mhux diskriminatorju fin innifsu, imma li ghadu qed iwassal biex in-nisa jigu ezentati mis-servizz ta' gurat ghal ragunijiet socjali, familjari u kulturali li f'certu sens imorru lil hinn minn gustifikazzjoni intimament u indissolubbilment marbuta mal-kondizzjoni femminili. Ezenzjoni li pero' hi perfettament legittima u legali u degretata fuq talba

tad-difensuri u/jew tal-prosekuturi u ta' l-Imhallef li jippresjedi l-guri, ilkoll aktar iva milli le, ta' sess maskili.

Din il-Qorti tifhem is-sottomissjoni li d-distorsjoni fil-bilanc naturali bejn il-maskil u femminil kienet twassal ghal effett negattiv li socjalment l-assenza ta' l-*input* femminili fil-gudizzju ta' l-imputat jew imputata, ikollha konsegwenzi hziena "inkwantu tippromwovi gudizzji maskilisti mhux temperati mill-ottika femminili". Sottomissjoni din pero' illi tirrigwarda lill-imputat jew imputata u bl-ebda mod ma tista' tigi avanzata minn gurat ta' sess maskil biex jiggustifika r-rifjut tieghu li jaghti s-servizz ta' gurat meta hekk imsejjah.

Mill-banda l-ohra pero', din il-Qorti ma tistax taccetta s-sottomissjoni li d-diskriminazzjoni li allegatament saret kontra Maurice Zarb Adami saret fil-kuntest tal-process kriminali li huwa wahda miz-zoni li l-Konvenzjoni Ewropea tikkonsidra bhala inglobat fis-sistema ta' protezzjoni specjali u li konsegwentement allura huwa seta' jinvoka favur tieghu l-applikazzjoni ta' l-art. 14 abbinat ma' l-art. 6. Dan pero' ma huwiex, fil-fehma ta' din il-Qorti, korrett ghaliex dak l-artikolu jipprovdi ghad-dritt ta' smiegh xieraq fil-process kriminali, liema dritt jispetta lil u hu tal-persuna akkuzata u ma hux tal-gurat maghzul biex jiggudika lill-akkuzat.

Din il-Qorti allura waslet ghall-konvinciment li l-lanjanza fir-rigward tad-diskriminazzjoni fuq bazi ta' sess ma tirrizultax illum pruvata. Setghet kienet gustifikata qabel ma saru l-emendi tal-Kodici Kriminali bl-Att IV ta' l-1994, wara dak l-Att il-posizzjoni giet guridikament radrizzata, anke jekk il-process amminstrattiv biex tigi ekwiparata l-posizzjoni tas-sessi fil-prattika necessarjament kellha tiehu certu zmien. Jidher li l-process qed jiehu l-kors normali tieghu u sallum gie sostanzjalment realizzat. Jibqa' naturalment kif fuq accennat il-problema tal-mentalita' u orjentament socjali, apparti l-ezigenzi partikolari tal-mara fid-diversi sferi ta' attivita' taghha, li necessarjament jibqghu jincidu fuq l-ghazla taghha bhala gurat. Ghazla li finalment trid tithalla f'idejn dawk li huma bil-ligi intitolati li jippartecipaw fiha u jiddefinuha fl-ahjar interess tal-gustizzja, u f'dan l-element ta' diskriminazzjoni ma kellux ikun fattur hlief fejn persuna akkuzata tilmenta li n-nuqqas ta' rapprezentanza ta' sess femminil jew maskil fil-panel tal-gurati seta' jkun pregudizzjevoli ghall-korretta amminstrazzjoni tal-gustizzja u ghall-apprezzament gust tal-fatti li minnhom kellha tirrizulta l-htija jew l-innocenza taghha. Aspett dan li ma kien jinteressa bl-ebda mod li l-persuna maghzula biex tkun gurat.

5. Fil-verita' stabbilit illi l-ligi ma tiddistingwi llum bl-ebda mod bejn persuni li kienu eligibbli biex jigu msejjha biex iservu bhala gurati fuq bazi ta' sess hu ghal kollox anomalu li jsir ezercizzju komparattiv fuq din il-bazi u li allura jibqghu jsiru zewg listi, wahda ghal persuna ta' sess

maskili u l-ohra ghal persuni ta' sess femminili. L-ghazla kellha tkun allura fuq skema uniformi ghaz-zewg sessi bi process ta' ghazla ibbazata fuq kriterji applikabbli bla distinzjoni fuq kull individwu irrispettivament mis-sess tieghu.

Mill-atti ma jirrizultax jekk is-sistema ta' l-ghazla tal-persuni eligibbli biex ikunu gurati, primi jew ordinarji, fis-sistema stabbilit fil-Kodici Kriminali kienetx qed issir fuq bazi ta' sess, fis-sens li jsiru zewg listi, wahda ghal dawk ta' sess maskili u ohra ghal dawk ta' sess femminili. Jekk hekk ghadu jsir, dan ma kienx jirrifletti l-kelma u l-ispirtu tal-Ligi u seta' wkoll iwassal ghal ilment ta' diskriminazzjoni mhux biss mill-irgiel imma wkoll min-nisa. F'din l-eventwalita' hu indikat li s-sistema jigi rivedut u aggornat.

6. Din il-konsiderazzjoni pero' issahhah l-argument illi r-riferenza maghmula lil din il-Qorti mill-Qorti Kriminali nkwantu bazata fuq allegata diskriminazzjoni abbazi ta' sess, mhix sostenibbli. Dan propju ghaliex il-ligi l-ligi, u issa anke l-prattika, ma kienux jaghmlu din id-distinzjoni u kienu jesigu trattament ugwali ghaz-zewg sessi. Ma kien hemm u ma kellu jkun hemm l-ebda marka ta' differenzjazzjoni bejn sess u iehor, u jekk f'xi zmien kien hemm, il-posizzjoni llum tidher illi giet sostanzjalment rimedjata. Jekk xejn il-provi juru illi l-Istat ha azzjoni

posittiva biex inehhi kull diskriminazzjoni abbazi ta' sess fl-ghazla tan-nies eligibbli biex ikunu gurati.

Fl-isfond ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravju ta' l-appellant, kif bazat fuq ezami komparattiv numeriku/matematiku bejn il-figuri ta' rgiel li servew bhala gurati u ta' nisa li hekk ghamlu, jitlef hafna mis-sahha u s-sinifikat tieghu. Dan ghaliex l-appellant ma setghax jilmenta minn diskriminazzjoni abbazi ta' sess, ghax din ma tirrizultax. Seta' biss se mai jilmenta mid-diskriminazzjoni li hu allegatament sofra minhabba s-sistema ta' l-ghazla fil-kompozizzjoni tal-listi tan-nies eligibbli biex iservu bhala gurati irrispettivament mis-sess taghhom.

7. Dan iwassal ghal ezami tat-tieni impunjazzjoni ta' l-appellant fuq bazi ta' ugwaljanza (art. 14 tal-Konvenzjoni). L-appellant isostni li l-fatt li l-piz tas-servizz fil-gurija mhux ekwament distribwit <u>bejn kull min hu suggett ghal dan is-servizz</u> imma qed jigi mitfugh dejjem fuq frazzjoni insinifikanti tal-popolazzjoni jikkostitwixxi wkoll diskiminazzjoni fit-termini ta' l-art. 14 tal-Konvenzjoni. L-appellant jissottometti li "Kuntrarjament ghal Kostituzzjoni dak l-artikolu japplika ghal kull diskriminazzjoni u mhux biss ghal dik bazata fuq razza, religjon, politika, sess etc., basta li tkun fil-kuntest taz-zona ta' applikazzjoni ta' xi dritt fondamentali, f'dan il-kaz tal-process kriminali".

Issa din il-Qorti taqbel li apparentement, kif jirrizulta wkoll b'xi mod mill-provi prodotti, is-sistema ta' kif jigu kumpilati l-listi tan-nies eligibbli biex jservu bhala gurat, tiffavorixxi sitwazzjoni fejn kull min ikun f'certu zmien diga qieghed fuq il-lista jispicca jibqa' fiha ghal zmien twil jekk mhux sakemm jilhaq limitu ta' eta', b'mod illi s-sistema jidher li hi li jizdiedu n-nies mal-lista li jkun hemm biex jirrimpjazzaw dawk li jispiccaw. Infatti hi nteressanti f'dan ir-rigward ix-xhieda ta' l-ispettur Ronald Kelly li jghid "Jien ghamilt il-verifiki tieghi u nista' nghid li darba kull sena tinhareg minuta mis-Supretendenti tad-distretti kollha, sabiex is-Senior Officer tad-Distrett jikkompila lista ta' cirka 50 ruh nisa u rgiel (jidher li hawn il-lista hija forsi unika), li fl-opinjoni taghhom jistghu iservu bhala gurati. Wara li ssir din il-lista isiru verifiki min-naha tad-Depot tal-Pulizija u dawn il-verifiki jsiru wkoll ma' l-E.T.C. sabiex jigi konfermat ix-xoghol ta' dawn in-nies. Sussegwentement il-lista finali tigi kompilata mill-Pulizija, pero' flimkien mal-Magistrati, u dana skond il-ligi.....................Ghandi nghid li l-lista l-gdida tigi maghmula <u>sabiex tizdied</u> mal-lista li diga' hemm tal-gurati.........Sa fejn naf jien in-numru tal-gurati li jizdiedu kull sena ma jfissirx li ser jitnaqqas l-istess numru mil-lista tal-gurati gia ezistenti. Pero' dana qed nghidu sa fejn naf jien........"

Jidher allura li hu gustifikat l-ilment ta' l-appellant illi s-sistema ta' l-ghazla tan-nies eligibbli biex iservu bhala gurati tippunixxi lil dawk li xi darba jsibu ruhhom fil-lista u ma kienetx tiffavorixxi li kemm jista' jkun nies li kienu bil-ligi eligibbli jigu xi darba inkluzi fihom.

Dan iwassal lill-appellant li jissottometti li "Huwa manifest li ftit eluf ta' maltin qeghdin wahedhom igorru piz li suppost jingarr minn mitejn elf malti u aktar". Taht certu aspett allura hi korretta s-sottomissjoni li dawk illi xi darba jkunu ntaghzlu biex ikunu fuq il-lista tal-gurati jkunu zvantaggjati fil-konfront ta' dawk l-ohra kollha li qatt ma kienu hekk maghzula". Sistema li fil-fehma ta' din il-Qorti jehtieg li tigi aggjornata anke f'dan ir-rigward u kellhom jittiehdu passi amministrattivi biex, kull tant zmien, il-listi jigu radikalment mibdula b'mod li jigu eskluzi dawk li jkunu diga' gew imsejjha fuq il-lista tal-gurati eligibbli.

8. Tibqa' pero' dejjem il-kwisjoni jekk dan it-trattament differenti ta' l-appellant setghax jitqies li kien diskriminatorju fit-termini ta' l-art. 14 tal-Konvenzjoni. L-appellant jissottometti li l-obbligu ta' individwu li jservi bhala gurat hu obbligu civili li jinkwadra ruhu fl-ambitu ta' drittijiet fondamentali, kif protetti mill-Konvenzjoni Ewropea, u cioe' fl-art. 4. Dan l-artikolu jipprotegi l-individwu lill-individwu mill-"*forced or compulsory labour*", imma jezenta mill-operat tieghu "*any work or service which forms part of normal civil obligations"* (art. 4(2)(d)).

Indubbjament li wiehed iservi ta' gurat kellu jitqies li kien "*a normal civil obligation*" li kull cittadin che si jirrispetta kellu jhossu onorat li jwettaq fis-servizz ta' l-amministrazzjoni tal-gustizzja fil-pajjiz. Korrettement l-appellant jissottometti li l-fatt illi dik ix-xorta ta' xoghol hu ezenti mill-

projbizzjoni ta' l-art. 4 tal-Konvenzjoni li tassigura l-helsien mill-"*forced or compulsory labour*" ma jfissirx illi l-Istat seta' jimponi dak it-tip ta' servizz b'mod diskriminatorju, jew li jekk hekk jaghmel ma jkunx applikabbli ghall-kaz l-art. 14, flimkien ma' l-art. 4 tal-Konvenzjoni. Ifisser anzi l-kontra.

Mill-banda l-ohra pero' ma jistax jinghad li l-appellant gie assoggettat ghal xi trattament partikolarment oneruz bil-fatt li hu kellu jservi tlett darbiet bhala gurat fi zmien sbatax-il sena jew aktar. Certament ma kellu l-ebda dritt li jiehu l-ligi b'idejh u jiddeciedi hu li ma jaghtix kaz it-tahrika tal-qorti biex jidher quddiemha meta gie maghzul skond ir-regolamenti preskritti biex iservi bhala gurat. Naqas gravament meta ddecieda li jiehu l-ligi b'idejh ghax dehrlu li kien hemm nies ohrajn li setghu iservu huma bhala gurati. Jekk deherlu li kellu raguni valida biex jikkontesta l-inkluzzjoni kontinwata tieghu fil-lista tal-gurati eligibbli hu kellu jutilizza r-rimedji ordinarji accessibbli ghalih biex jassigura li jitnehha minn dawk il-listi fil-mument opportun. Kellu d-dritt li jaghmel rikors quddiem il-Qorti kompetenti biex jigi ezentat milli jkompli jservi ta' gurat. Kellu anke d-dritt jikkontesta decizjoni negattiva fuq dak ir-rikors. Kellu sahansitra l-jedd li jittanta l-procedura simili ghal dik issa minnu tentata, pero' dana mhux f'kontest ta' sfida ghall-awtorita' tal-qorti kif manifestament ghazel li jaghmel. Fuq kollox l-appellant kellu l-obbligu li, mhux biss jobdi d-direttiva tal-Qorti, imma wkoll ihallas il-multa fuqu

mposta talli kien naqas mill-obbligu tieghu skond il-ligi biex iservi bhala gurat meta msejjah.

Din il-Qorti allura certament ma tistax taqbel li hemm xi sostanza fl-ewwel kap ta' referenza lilha maghmula, dik cioe' illi "il-multa li giet inflitta fuq l-intimat hija nulla billi hija diskriminatorja skond l-art. 45 tal-Kostituzzjoni u l-art. 14 tal-Konvenzjoni Ewropea. Certament il-multa nflitta ma setghet qatt titqies li kienet diskriminatorja in kwantu hu indubbjament stabbilit illi (a) kull min kellu multa fuqu nflitta mill-Qorti kompetenti kien obbligat bil-ligi li jhallasha, u (b) kull min ma jobdix ordni tal-Qorti biex jidher quddiemha halli jkun jista' jservi ta' gurat kien passibbli ghall-imposizzjoni ta' pieni skond il-Ligi, fosthom dik tal-kundanna ghall-hlas ta' multa xierqa. L-aggravji ta' l-appellant ma jistghux allura jigu sostnuti.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata konfermata, b'dan illi l-Qorti, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi tirrakkomanda li jkun hemm revizjoni tas-sistema kif jigu kompilati l-listi tal-gurati fit-termini ta' l-artikolu 605 tal-Kodici Kriminali, biex jigi assigurat li dan isir b'mod ekwu u uniformi minghajr riferenza ghas-sess tal-persuni, u biex tigi eliminata s-sitwazzjoni ezistenti llum fejn il-maggoranza tan-nies residenti f'Malta u eligibbli biex iservu ma jkunux fuq il-listi bi pregudizzju ghal dawk il-persuni li isimhom diga' jinsab fuq

il-lista. Ezercizzju dan intiz biex jassigura aktar trasparenza u tqassim gust u ekwu ta' l-oneru civiku li wiehed iservi ta' gurat irrispettivament mis-sess tieghu u mhux ghaliex din il-Qorti tirravviza xi diskriminazzjoni fis-sistema vigenti censurabbli taht il-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni. L-ispejjez taz-zewg istanzi kellhom fic-cirkostanzi jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qrati u lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jaghrfu jirregolaw ruhhom fil-kompilazzjoni tal-listi tal-gurati a tenur ta' l-artikoli 65 et seq tal-Kodici Kriminali.

Dep/Reg

mm